**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Illum l-Erbgha 22 ta' Mejju, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**

**vs**

**Terence Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Terence Vella ta' 36 sena, iben Francis Vella u Mary Anne nee' Cassar, imwieled Pieta', fit-22 ta' Gunju 1982, li joqghod 13, St. Rose, Triq it-Tabib Robert Naudi, Msida u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0339582M;

Billi akkuzat talli:

Fi Frar 2017, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel

jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' inqas minn hamest elef Euro (€5000) ghad-dannu ta' *Attard & Co. Food Ltd, Guido Vella Cash & Carry* u *Charles Grech & Co. Ltd.*

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, bi hsara ta' haddiehor, ghamel qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi f'artikolu 308 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

3. Kif ukoll talli b'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz odjern jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Rat li fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti, u cioe dik tat-3 ta' April 2019, l-imputat wiegeb li hu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih kienet ta' prigunerija ta' tmintax (18)-il xahar u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu sabiex jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu.

Meta regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affirmattiv, u fuq mistoqsija tal-Qorti jekk hux hati jew le, l-imputat ikkonferma li hu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi ezebiti dwar il-piena.

Rat il-pre-sentencing report tal-Ufficjal tal-Probation Dorian Cornelius.

Semghet trattazzjoni orali tal-partjiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Mill-provi prodotti u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija.

Jirrizulta wkoll mill-provi li t-tlett vittmi tal-frodi gew rifuzi l-ammont lilhom dovut wara li gew intavolati l-proceduri odjerni, izda qabel bdew dawn il-proceduri. Pero irid jinghad li kemm mill-ircevuti ezebiti kif ukoll mill-pre-sentencing report, jirrizulta li dawn il-vittmi thallsu minn missier l-imputat, ghaliex l-imputat bhalissa jinsab jiskonta sentenza karcerarja ta' sentejn u nofs prigunerija u ma jirrizultax li kellu flus biex jirrifondi lill-vittmi.

L-ammont totali li gie miksub b'qerq mertu ta' dawn l-imputazzjonijiet hu ta' €469.00.

Ghalkemm dan l-ammont huwa relattivament wiehed zghir, il-perspettiva tal-entita tieghu tinbiddel meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, fejn ghandu disa' kundanni ta' diversi serq aggravat u kundanna ghal pussess semplici tad-droga eroina. Fil-fatt l-imputat, apparti l-piena karcerarja li qed jiskonta bhalissa, l-imputat kien ikkundannat tlett (3) darbiet ohra piena ta' prigunerija effettiva, minhabba li nstab hati ta' serq aggravat.

Mill-pre-sentencing report, jirrizulta car li l-hajja raffrettarja tal-imputat hija attribwibbli ghal fatt li l-imputat beda jabbuza mid-droga cannabis fl-eta zghira ta' hmistax-il sena, u minn din id-droga beda sussegwentement jabbuza wkoll bid-drogi kokaina u eroina. Huwa baqa' jabbuza minn dawn id-drogi hajtu kollha, hlief b'interruzzjonijiet zghar meta kien il-habs, jew beda jsegwi xi programm ta' riabilitazzjoni, u ghal xi perjodu ta' ftit xhur, sakemm huwa

gie ikkundannat ghal piena karcerarja li qed jiskonta bhalissa. Kif sewwa osservat omm l-imputat Maryanne Vella lill-Ufficjal tal-Probation *"Terence dejjem ikun programm residenzjali jew gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, biss hekk kif jerga' johrog, kien jaghmel ftit zmien tajjeb u wara jerga' jaqa' ghal hajja ta' qabel."*

Dan ir-reat gie kommess qabel l-imputat kellu l-ahhar kundanna ta' piena karcerarja.

Ghalhekk il-problema ewlenija tal-imputat kienet dik ta' l-abbuz ta' droga. Pero mill-*pre-sentencing report* jirrizulta li kemm ilu fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, cioe mid-29 ta' Jannar 2018, t-testijiet tal-urina li ttiehdu gewwa din l-istess Facilita rrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.

Fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, l-imputat beda jigi segwit mill-Psikologa Petra Scicluna, u maghha hadem fuq il-problema tieghu tad-dipendenza fuq id-droga kif ukoll fuq *"offending behaviour"*, partikolarment dak tas-serq. Mir-rapport tal-Psikologa anness mal-pre-sentencing report jirrizulta li l-imputat kien motivat u dejjem attenda regolarment ghall-appuntament, u kien hemm titjib sostanzjali fl-oqsma kollha li hadem fuqhom mill-aspett psikologiku.

L-Ufficjal tal-Probation ikkonkluda r-rapport tieghu hekk:
*"Fid-dawl tal-informazzjoni ngabret matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport jidher li l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna fuq fattur principali, dak li jirrigwarda l-abbuz tieghu ta' sustanzi illeciti.*

*Minhabba dawn ir-ragunijiet qed jigi umilment issuggerit lil din l-Onorabbli Qorti, illi Terence Vella ghandu jkompli jiehu l-ghajnuna kontra l-vizzji, sabiex dan ikun jista' jassigura illi l-imputat ma jergax ikollu x'jaqsam mal-Gustizzja Kriminali.*

*Fir-rigward ta' xoghol fil-komunita, sakemm Terence Vella kien qieghed jigi segwit gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, jidher li huwa kandidat idoneu ghal xoghol fil-komunita, biss wiehed ta' min jinnota illi Terence kien qieghed jigi segwit, f'post ikkontrollat u ma tistax tittiehed decizjoni la darba dan imur lura fil-komunita."*

L-Ufficjal Prosekutur u d-difiza qablu li f'dan il-kaz mhux idoneu li tinghata piena karcerarja.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly et** deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk: *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *(Heinemann, London, 1979):*

*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited ... … As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

Mis-suespost, jidher li l-imputat f'dawn l-ahhar sena u nofs li ilu jiskonta piena karcerarja, ghamel l-almu tieghu biex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, u jaghti ammont ta' stabbilita f'hajtu. Il-Qorti, wara li irriflettiet fit-tul, hija tal-opinjoni li l-isforzi tal-imputat jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti, u konsegwentement piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant, il-Qorti se tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation sabiex jibqa' jigi segwit minn Ufficjal tal-Probation u biex ikompli jiehu l-ghajnuna kollha li ghandu bzonn kontra l-vizzju tad-droga.

Inoltre l-Qorti ser tpoggi lill-hati taht ordni ta' servizz bla hlas fil-komunita, biex b'dan il-mod mhux biss l-imputat ikun qed jikkumpensa lis-socjeta ghal hsara li huwa ghamel, imma wkoll izomm ruhu okkupat la darba johrog mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin fid-29 ta' Settembru 2019, sakemm isib impjieg fiss.

[1] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(c), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u b'applikazzjoni ta' l-Artikoli 18 u 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car li jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huwa jkun jista' jigi ikkundannat ghar-reati li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

In oltre, ai termini tal-Artikoli 18 u 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tpoggi lil hati taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt siegha (100) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Din l-Ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' din l-Ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordnijiet ta' Probation u ta' Servizz fil-Kommunita annessi maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**